KAZIN BANDA SAN NIKOLA A.D. 1883

# Lejn il-Festa Siggiwija

VOLUM 1, HARGA 1 DICEMBRU 2008

**PUNTI TA' INTERESS:**

- **Il-125 sena anniversarju jigi ccelebrat mill-Kazin Banda San Nikola**
- **Is-Sezzjoni Zghazagh ghandha problema biex tkompli tiffunzjona**
- **Ir-ritmu tal-plancier tal-Kazin miexi bil-mod. Imma ghaliex?**
- **Il-Progett 125 x'sejjer jinvolvi**

**FIL-PAGNI TA' GEWWA:**


**Lehen il-Kazin Banda San Nikola** 2

**Il-Banda spicca zmienha?** 2

**Iz-Zghazagh tal-Patrun** 2

**Kazin minghajr membri** 3

**Il-Plancier meta se jkun lest?** 3

**Progett 125 - Modernizzar u Spazju ahjar** 3


## Fi Djarkom

Kienet ideja li harget minn diskussjoni li kellna bejnietna waqt laqgha fil-kazin. Diskussjoni li fiha ridna nohorgu b'xi ideja biex naraw kif nistghu ninvolvu aktar lis-Siggiwin fil-preparamenti tal-festa u fl-istess hin inzommukom aggornati. Nuqqas li jinhass sew peress li hafna Siggiwin l-anqas biss jkunu jafu x'inhu ghaddej f'rahalna.

B'din l-ittra jew kif isejhulha bl-ingliz 'newsletter', nixtiequ niehdu l-idejat u l-kummenti taghkom billi tikkuntatjawna minn fuq is-sit tal-Kazin "www.freewebs.com\bandasannikola" jew taqbzu qabza sal-kazin u ssaqsu ghal xi membru tal-kumitat jew xi sezzjoni ohra fil-Kazin. Dan jghinna biex intejbu l-kwalita' ta' din l-ewwel 'newsletter' fis-Siggiewi relatata mal-festa. Niehdu pjacir jekk tghaddu xi kummenti li jistghu jtejbu l-amministrazzjoni tal-Kazin kif ukoll is-sehem tieghu fil-festa u fejn jista' jinvolvi ruhu aktar il-kazin.



**Il-faccata tal-kazin fil-festa**

Nixtiequ wkoll naraw aktar Siggiwin jinvolvu rwiehhom kemm fil-Kazin kif ukoll f'ghaqdiet ohra Siggiwin li jahdmu ghall-festa. L-ghan ewlieni taghna hu li nkabbru l-festa ta' San Nikola biex tibqa' wahda mill-isbah festi li jkunu ccelebrati fil-gzejjer Maltin. Sfortunatament dan in-nuqqas jezisti u dan ibezza' nies dilettanti bhalna peress li jekk ma jkunx hemm min jibqa jorganizza, kollox imut mewta naturali u uliedna ma jkollhomx l-opportunita' li jgawdu dan il-wirt.

Wirt is-Siggiwin!

## 125 Sena ta' Storja

Din is-sena tahbat il-125 sena mit-twaqqif tal-Kazin Banda San Nikola. Kien il-fundatur Dr. Nikola Zammit li hareg bl-ideja li jitwaqqaf il-Kazin fl-1883 biex is-Siggiwin setghu jkollhom post fejn jirrikrejaw rwiehhom wara dik il-gurnata xoghol li fil-maggoranza taghhom kienet tkun taht il-qilla tax-xemx fir-raba tas-Siggiewi.

Kienet ideja li halliet il-frott ghaliex 125 sena wara din is-socjeta' baqghet mwaqqfa u dejjem taghat sehemha fis-Siggiewi b'diversi modi.

Ghalhekk dan l-anniversarju ma setghax ma jigix imfakkar. Saru diversi attivitajiet matul is-sena biex jigi mfakkar dan l-anniversarju izda l-aktar wahda li se tibqa' mnaqqxa fl-istorja tal-Kazin hija l-'Oratorio' *"Jien Nikola Protettur Taghkom"* li kellu muzika tal-bravu surmast direttur Raymond Zammit u kliem tad-direttur spiritwali Dun Nikol Aquilina.

**NHAR IS-SIBT 6 TA' DICEMBRU, 2008 FESTA TA' SAN NIKOLA—KUN FIL-PJAZZA GHAL-GHELUQ TAC-CELEBRAZZJONIJIET TAL-125 SENA KAZIN BANDA SAN NIKOLA**

# Lehen il-Kazin Banda San Nikola




Il-Fuljett li tqassam fil-Knisja Arcipretali tas-Siggiewi fl-Oratorio.

Is-sena 2008, li issa waslet biex tintemm, kienet wahda storika ghall-Kazin Banda San Nikola. Fil-fatt il-kumitat, flimkien mas-Sezzjonijiet kollha fakkarna, kif kien xieraq, il-125 sena ta hidma muzikali fis-Siggiewi.

Nhar il-Hadd 2 ta Dicembru 2007 ftahna dawn ic-celebrazzjonijiet b' Oratorju Muzikali li sar fil-Knisja tas-Siggiewi. Ghal din l-okkazjoni attenda l-Arcisqof Emeritus Guzeppi Mercieca. Komplejna nhar is-26 ta Gunju 2008 permezz ta' programm muzikali li sar taht il-patrocinju tal-President ta' Malta Dr.E.Fenech Adami u s-Sinjura tieghu li huma wkoll gharfu l-importanza ta' dan l-avveniment storiku fis-Siggiewi…. il-125 sena mit-twaqqif tal-Banda San Nikola.

Dawn l-attivitajiet kienu meqjusa success mhux biss ghall-livell gholi muzikali li prezentajna izda wkoll ghaliex il-pubbliku attenda bi hgaru. Il-pubbliku ghogbu jwiegeb ghall-istediniet taghna.

Kienu attivitajiet fejn taghllimna hafna. Is-Siggiwin ihobbu jsegwu u jiehdu interess f'dak li jkun qieghed isehh madwarhom. Ma jonqosx ghalhekk li jixtieq li jkun jaf b'dak kollu li taghmel din l-ghaqda muzikali f'rahalna.

Ahna wkoll inhossu l-htiega li ninfurmaw aktar, u b'mod regolari, dak li jkun qieghed isehh fil-Kazin.
M'ghandix dubju li din il-pubblikazzjoni informattiva tkun ***lehen il-Kazin,*** li sservi bis-shih sabiex twassal ukoll l-appelli taghna lis-Siggiwin kollha.

Raymond Sant

# Il-Banda spicca zmienha?

***"Il-Banda San Nikola ghandha mat-30 alliev u dan jkompli juri li l-baned f'Malta ghandhom futur"***

Il-Banda tradizzjonali Maltija tmur lura lejn l-ahhar tas-seklu 19. L-ghan ewlieni taghha kien li tferrah lin-nies b'muzika fit-toroq ta' l-irhula jew fuq xi zuntier tal-knisja jew xi post iehor t'attrazzjoni. Din kienet tant popolari li fi ftit snin kull rahal f'Malta u Ghawdex beda jghaqqad il-baned biex joholq atmosfera sabiha fil-festi tal-qaddisin. Dak iz-zmien dan kien l-uniku mezz kif il-Maltin setghu jgawdu ftit mill-hoss tal-istrumenti tal-muzika peress li l-access ghall-muzika ma kienx kif inhu llum. Il-banda ghalhekk kienet popolari u nistghu nghidu li kienet moda.

Matul il-medda taz-zmien din ma baqghetx l-uniku sors ta' muzika peress li diversi stili bdew jinholqu, b'rizultat li l-banda bdiet tnaqqas certu popolarita'.

Madankollu l-banda ghadha hemm u ghadha b'sahhitha meta tara dak l-ammont ta' allievi jitghallmu xi strument. Bhalissa il-Banda San Nikola ghandha mat-30 alliev u dan ikompli juri li l-baned ghandhom futur f'Malta.

Dan rizultat tal-kapacita' kbira tas-Surmastrijiet prezenti li qedghin joholqu muzika vera professjonali u addattata ghall-prezent li tiehu pjacir tismaghha u tqarreb aktar zghazagh lejha.

# Iz-Zghazagh tal-Patrun

Il-Platti tar-Ross mahdumin miz-zghazagh tal-Kazin li jkunu ezebiti fil-wirja tal-Gimgha Mqaddsa



Dawn huma z-zghazagh li jiffurmaw is-Sezzjoni Zghazagh u dawk kollha li jaghtu sehemhom fil-hidma tal-Kazin b'risq il-festa. Zghazagh li ma' jharsux biss lejn il-festa b'mod ta' divertiment , izda b'mod li jkunu parti integrali f'kull attivita' li ssir fil-festa.

Veru li l-festa hija l-qofol ta' kollox izda dawn iz-Zghazagh dejjem jaraw x'jistghu jaghmlu biex izommu is-sezzjoni attiva. Diversi attivitajiet jimlew il-kalendarju ta'din is-sezzjoni li impossibbli li jissemmew kollha hawn. Li hu zgur hu li l-gid li qeghdin jaghmlu huwa apprezzat peress li kull attivita' jkollha attendenza sabiha.

Minn hawn niehdu l-okkazjoni biex nawguraw aktar hidma b'risq il-festa u r-rahal minn dawn iz-zghazagh li fl-2007 ghalqu 10 snin u nheggu aktar zghazagh biex jinghaqdu maghhom u jiskopru jew ikabbru t-talenti taghhom.

# Il-Plancier meta ser ikun lest?

Din il-mistoqsija qieghdha fuq fomm hafna nies dilettanti tal-festa. Dan il-Plancier ilu li beda s-snin u kull sena qieghed isir xi haga fuqu biex fl-iqsar zmien jigi inawgurat.

Il-hidma kollha issir mis-Sezzjoni Plancier taht id-direzzjoni tas-Sur Nikola Baldacchino.

Kliem is-Sur Baldacchino dejjem l-istess. Aktar ma jkollna finanzi aktar nahdmu biex inzanznu affarijiet kull sena. Izda n-nies tghid li l-plancier dejjem l-istess dehra jibqa.
It-tibdil fil-plancier ma jistax ikun



**Il-Banda San Nikola fuq il-Plancier tas-socjeta'**

radikali peress li kull haga li ssir tkun tinvolvi spejjez kbar. Nghidu ahna il-'guard rails' tal-bronz li zzanznu tlett snin ilu li jammontaw ghal-tlettax peress li jdawru l-plancier kollu kienu gew jiswew madwar 12000 Euro. Issa jmiss il-linef. Wahda minnhom izzanznet waqt il-festa tas-sena l-ohra li giet tiswa madwar 1400 Euro. Fadal tlettax ohra biex idawwru l-plancier kollu.

Madankollu il-plancier qieghed ikun attrazzjoni kbira f'nofs il-pjazza fiz-zmien il-festa u d-dilettanti tal-festi kollha jistqarru li l-plancier gej wiehed mill-isbah plancieri li hawn f'Malta u Ghawdex. Ghalhekk minn hawn nghidu proset lil dawk kollha li qedghin jahdmu biex ikollna dan il-kapolavur li jixraq lill-pjazza tar-rahal.

***"attwalment il-Kazin ihaddan 'il fuq minn 100 membru"***

# Kazin minghajr membri

Kull ghaqda jew organizzazzjoni jrid ikollha l-membri taghha. Dan hu importanti f'socjeta' tal-lum peress li dawk li jinhatru biex imexxu dik l-ghaqda jkunu ghaddew minn process ta' votazzjoni li taghmilha aktar ghaqda demokratika. Il-membri huma importanti ghaliex jistghu jressqu ilmenti u suggerimenti li l-kumitat ma jkunx qieghed ikun konxju bihom.

Il-Kazin Banda San Nikola ilu mwaqqaf 125 sena u dejjem kellu l-membri u dan jiddettah ukoll l-istatut tal-istess socjeta'. Atwal-ment il-Kazin ihaddan 'il fuq minn 100 membru. Dan in-numru ghalkemm jidher kbir, ma jistax jintqal li huwa wiehed sodisfacenti.

Aktar ma socjeta' jkollha membri aktar tiffunzjona tajjeb. Dan ghaliex ikun hemm aktar membri li jistghu jkunu prezenti fil-kumitat u l-attivitajiet li jsiru jkollhom aktar attendenza.

Ghalhekk kull min jixtieq jidhol membru mas-socjeta jista' jikkun-tatja lill-kaxxier (Chalie - 79703849) jew isaqsi lil barmen tal-kazin.

# Progett 125 - Modernizzar u Spazju ahjar

Dan il-Progett x'inhu? Dan il-progett gie approvat mill-membri tal-istess Kazin waqt seduta generali straordinarja.

Il-kazin kellu bzonn ta' dehra gdida biex il-membri li jiltaqghu u jirrikrejaw rwiehhom jhossu-hom aktar komdi.

Barra minn hekk se jsir ristrutturar tal-kmamar tal-banju u minhabba f'hekk se jikbru ftit is-swali ta' fuq. Din se ssolvi parzjalment il-problema ta' spazju li hemm fis-sala tal-kuncerti peress li mhux qieghed ikun possibli li jsiru 'rehearsals' kompluti tal-banda.

L-akbar gwadan se jsir bit-thaffir tal-kantina ezistenzi. Din hi essenzjali peress li din sejra sservi bhala 'store'. Huwa mahsub li x-xoghol sejjer jibda wara l-festi tal-Milied ezattament fl-ewwel gim-gha ta' Jannar.

Dan il-progett ghandu bzonn investiment finanzjarju sostanzjali izda ghall-gurnata tal-lum huwa essenzjali ghalhekk il-Kummisjoni Progett 125 li qedghha tiehu hsieb il-koordinazzjoni tal-progett tixtieq tappella biex kull min jix-tieq jghin kemm finanzjarjament jew materjali ghandu jikkuntat-janana fuq 79266522 (David), 79053522 (Lindsay) u 79708942 (Keith).

Nirringrazzjawkom bil-quddiem.

**Kazin Banda San Nikola A.D. 1883**

50/51, Misrah San Nikola, Siggiewi

**Lejn il-Festa Siggiwija**

**www.freewebs.com\bandasannikola**

**Il-Kazin Banda San Nikola joffri taghlim b' xejn ta' strumenti tal-muzika.**

**Kull min jixtieq jattendi ghal-lezzjonijiet jew jibghat lit-tfal ghandu jikkuntatja lid-delegat tal-banda fuq 79708189 jew lis-segretarju 79461161.**

**Il-Muzika hija mportanti fit-Trasformazzjoni tal-karattru tal-ulied**

**Il-KAZIN BANDA SAN NIKOLA JAWGURA L-ISBAH XEWQAT GHALL-MILIED U S-SENA GDIDA LIS-SIGGIWIN KOLLHA**

# Is-Sezzjoni Zghazagh Mhedda

Is-Sezzjoni Zghazagh hija wahda mill-muturi fis-socjeta taghna. Nistghu nghidu li hafna attivitajiet li jittellaw mill-Kazin huma frott tal-hidma ta' din is-sezzjoni habbrieka.

Is-sezzjoni qedgha zzomm hajjin certu attivitajiet li fis-Siggiewi qedghin jintilffu. Il-marci fil-festa taghna kienu kull ma jmorru jnaqqsu fl-attendenza. Izda din is-Sezzjoni bl-ghajnuna ta' hafna qed jirnexxielha izzom il-marci brijuzi u taghmilhom aktar attrajenti bl-attrazzjonijiet li qeghdha zzanzan matul is-snin.

Attivitajiet ohrajn jinkludu wirjiet tal-Gimgha Mqaddsa u Kulturali u fuq San Nikola, Serati fil-Pjazza qabel il-Festa, rectar u Kummiedji fuq il-palk u 'car show' fost hafna ohrajn. Dan kollu jsir ghas-Siggiwin u ghar-residenti godda Siggiwin.

Hafna mix-xoghol u preparamenti kemm ghall-festa u kemm ghal-attivitajiet li jsiru kienu jsiru fil-mahzen li kien provdut mill-familja Said u hawnhekk nirringrazzjaw lin-Nutar Philip Said u lil hutu talli ghal diversi snin ghogobhom iselfulna l-garaxx biex nkunu nistghu nerfghu l-armar tal-festa u affarijiet ohra li ghandha s-sezzjoni biex tahdem ghal-attivitajiet.



**San Nikola Harisna**

Ahbar li hasditna kienet li dan il-mahzen sfortunatament mhux se nkunu nistghu naghmlu uzu minnu aktar peress li l-familja Said riedet ic-cwievet lura minhabba zviluppi familjari.

Il-kazin ma setax ikun post alternattiv peress li huwa post limitat fl-ispazju u l-armar ma jogh-qodx. Il-kazin jintuza primarjament ghall-banda.

Is-sezzjoni qedghha thares il-quddiem u mhux taqta qalbha izda tixtieq tappella permezz ta' dan l-artiklu biex kull min jista jghinna biex jkollha post alternattiv fejn tista tkompli tahdem u tiffunzjoni u tkompli tilqa aktar zghazagh fi hdanha, filwaqt li tbeghdhom minn aljenazzjonijiet ohra li hawn fis-Socjeta tal-lum, ghandu jikkuntatjana fuq 99207402 (Johan) jew 79328436 (Bjorn).


**Bell Net Ltd.**

**Fun.... Knowledge.... Friends....**

Address: 10, Triq ic-Cawsli Qormi Tel: 21 472 592/3
E-Mail: support@bell.net.mt

We provide fast speed, always-on internet connection, security and excellent customer care. We tailor-make our packages according to and in proportion of our customers' needs at home and work

**Services offered by Bell Net;**

* Residential Connections
* Business connections
* Bridge Connections
* Web Hosting

**Connect with Bell Net and get;**

On line competition:

**www.bell.net.mt**

**€500** Voucher to be won every six months (DPL 65/08)

Terms & conditions apply.

